

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/2434**tat-18 ta' Diċembru 2015****li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/237/UE dwar miżuri protettivi kontra l-introduzzjoni u t-tixrid fi ħdan l-Unjoni ta' organiżmi ta' ħsara fir-rigward ta' ċertu frott u ħxejjex tal-ikel li joriġinaw fl-Indja***(notifikata bid-dokument C(2015) 9178)*

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE tat-8 ta' Mejju 2000 dwar il-miżuri protettivi kontra l-introduzzjoni fil-Komunità ta' organiżmi ta' ħsara għall-prodotti tal-pjanti u kontra t-tixrid tagħhom ġewwa l-Komunità ⁽¹⁾, u b'mod partikolari r-raba' sentenza tal-Artikolu 16(3) tagħha,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/237/UE ⁽²⁾ tipprojbixxi l-importazzjoni mill-Indja tal-pjanti, minbarra ż-żrieragħ u l-għeruq, tal-*Colocasia* Schott, tal-pjanti, minbarra ż-żrieragħ, tal-*Momordica* L., tas-*Solanum melongena* L. u tat-*Trichosanthes* L. Barra minn hekk, biex jiġu importati l-pjanti tal-*Mangifera* L., minbarra ż-żrieragħ, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/237/UE teżiġi li l-awtoritajiet Indjani jwettqu miżuri xierqa li jiżguraw li l-konsenji jkunu ħielsa minn organiżmi ta' ħsara.
- (2) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/237/UE għandha limitu ta' żmien. Minħabba l-għadd kbir ta' interċezzjonijiet ta' organiżmi ta' ħsara fuq firxa wiesgħa ta' pjanti u prodotti tal-pjanti li oriġinaw mill-Indja, il-Kummissjoni hija tal-fehma li s-sistema ta' ċertifikazzjoni fitosanitarja tal-Indja teħtieġ aktar titjib. Għaldaqstant jixraq li ż-żmien ta' validità tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/237/UE jittawwal sal-31 ta' Diċembru 2016.
- (3) Għalhekk, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/237/UE għandha tiġi emendata skont dan.
- (4) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni jikkonformaw mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Animali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/237/UE huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2016."

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Diċembru 2015.

Għall-Kummissjoni
Vytenis ANDRIUKAITIS
Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠUL 169, 10.7.2000, p. 1.

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/237/UE tal-24 ta' April 2014 dwar miżuri protettivi kontra l-introduzzjoni u t-tixrid fi ħdan l-Unjoni ta' organiżmi ta' ħsara fir-rigward ta' ċertu frott u ħxejjex tal-ikel li joriġinaw fl-Indja (ĠU L 125, 26.4.2014, p. 93).